MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2009

Numru 178/2009

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND BORG
VS
ALFRED SIVE FREDDIE DELIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Alfred sive Freddie Delia, ta’ 30 sena, iben Alfred u Catherine nee’ Camilleri, imwieled il-Pieta’ fl-20 ta’ April, 1978, residenti fil-fond numru: Nru.28, Triq id-Dejqa, Haz-Zabbar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 207978(M).

Illi huwa akkuzat talli, fil-granet u x-xhur ta’ qabel it-12 ta’ Mejju, 2008, gewwa dawn il-gzejjer, bhala persuna zamm jew qabillu li jzomm xi annimal, gieghel lill-istess issofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

U aktar talli sar recediv ai terminu ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-

Qorti differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hi mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti hi mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (Dok.JB - a fol.14) u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal tat-12 ta' Mejju, 2009 (a fol.24);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-ammissjoni tieghu, il-Qorti, ssib lill-imputat, Alfred sive Freddie Delia, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 8, 9 u 45 tal-Kap.439 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah jhallas multa ta' €465.87 li ghandhom jithallsu b'rata mensili fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti akkordat din il-piena, in vista tal-fatt illi l-kelb ta' l-imputat gie mutilat, fis-sens li, gew maqtughin widnejh kirurgikament sabiex id-dehera ta' dan il-kelb tkun wahda feroci u li tispira l-biza'. Il-Qorti ma kellha ebda xrara ta' evidenza li l-kelb kien soggett ghal xi krudelta' sabiex isir dan l-intervent. Il-mutilazzjoni ta' dan il-kelb huwa evidentissimu u jirrizulta ampjament mir-ritratti ezebiti. Apparti il-mutilazzjoni, dan il-kelb huwa wiehed ben akkurat mill-imputat. Il-Qorti gharfet illi dan l-isfregju fuq il-kelb sar sforz l-injoranza u mhux minn xi sens sadistiku.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------